2024/1457

29.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1457

tas-27 ta' Mejju 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward ta' ċerti pjanti għat-tħawwil ta' *Prunus persica, Prunus dulcis, Prunus armeniaca* u *Prunus davidiana* li joriġinaw mit-Turkija, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 fir-rigward tal-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni ta' dawk il-pjanti għat-tħawwil fit-territorju tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4), it-tielet subparagrafu tiegħu

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 [2], abbażi ta' valutazzjoni preliminari tar-riskju, jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.

(2) Bħala segwitu tal-valutazzjoni preliminari, fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 ġew elenkati b'mod proviżorju 34 ġeneru u speċi waħda ta' pjanti għat-tħawwil li joriġinaw minn pajjiżi terzi, bħala pjanti ta' riskju għoli. Wieħed mill-ġeneri elenkati huwa *Prunus* L.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 [3] jistabbilixxi l-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, iżda li r-riskji fitosanitarji tagħhom għadhom ma ġewx ivvalutati bis-sħiħ. Dan għaliex wieħed jew aktar mill-pesti ospitati minn dawk il-pjanti għadhom mhumiex inklużi fil-lista tal-Unjoni tal-pesti tal-kwarantina tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 [4], iżda jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiġu inklużi wara valutazzjoni tar-riskji kompluta ulterjuri.

(4) Fid-29 ta' Jannar 2020, it-Turkija ressqet talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-pjanti għat-tħawwil li ġejjin: biċċiet mingħajr għeruq, mingħajr weraq, inattivi, ta' mhux aktar minn sentejn ta' *Prunus persica* u *Prunus dulcis,* pjanti għat-tħawwil mhux imlaqqma, mingħajr weraq, inattivi, bl-għeruq mikxufin, ta' mhux aktar minn sentejn ta' *Prunus persica* u *Prunus dulcis,* u pjanti għat-tħawwil, mingħajr weraq, inattivi, bl-għeruq mikxufin, ta' mhux aktar minn sentejn ta' *Prunus persica* u *Prunus dulcis* imlaqqma fuq salvaġġ ta' *Prunus persica, Prunus dulcis, Prunus armeniaca* jew *Prunus davidiana* li joriġinaw mit-Turkija ("il-pjanti rilevanti"). Dik it-talba kienet appoġġata mid-dossiers tekniċi rilevanti.

[1] ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2019/oj).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 tal-21 ta' Awwissu 2020 dwar il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 275, 24.8.2020, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1213/oj).

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).

(5) Fl-1 ta' Diċembru 2022, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-pjanti rilevanti ([5]). L-Awtorità identifikat il-pesti *Anoplophora chinensis, Didesmococcus unifasciatus, Euzophera semifuneralis, Hoplolaimus galeatus, Lasiodiplodia pseudotheobromae, Lepidosaphes malicola, Lepidosaphes pistaciae, Maconellicoccus hirsutus, Malacosoma parallela, Neoscytalidium dimidiatum, Neoscytalidium novaehollandiae, Nipaecoccus viridis,* Peach rosette mosaic virus, *Phenacoccus solenopsis, Pochazia shantungensis, Russellaspis pustulans, Scirtothrips dorsalis* u l-virus tar-ringspot tat-tadam bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti.

(6) L-Awtorità evalwat il-miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskji deskritti fid-dossiers għall-pesti identifikati u stmat il-probabbiltà tal-ħelsien tal-pjanti rilevanti minn dawk il-pesti.

(7) B'segwitu tal-konferma uffiċjali dwar in-nuqqas ta' *Malacosoma parallela* fit-Turkija, il-pest ma għadux meqjus rilevanti għall-komoditajiet ta' *Prunus* L. li joriġinaw f'dak il-pajjiż.

(8) Abbażi ta' dik l-opinjoni u tal-informazzjoni addizjonali mit-Turkija fir-rigward ta' *Malacosoma parallela*, huwa meqjus li r-riskju fitosanitarju li jirriżulta mill-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-pjanti rilevanti jitnaqqas għal-livell aċċettabbli, dment li jiġu applikati miżuri xierqa li jindirizzaw ir-riskju tal-pesti relatati ma' dawk il-pjanti.

(9) Il-miżuri deskritti mit-Turkija fid-dossiers tekniċi huma kkunsidrati suffiċjenti biex ir-riskju mill-introduzzjoni tal-pjanti rilevanti fit-territorju tal-Unjoni jitnaqqas għal livell aċċettabbli. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu adottati bħala rekwiżiti fitosanitarji għall-importazzjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni fitosanitarja tat-territorju tal-Unjoni mill-introduzzjoni tal-pjanti rilevanti fih.

(10) B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li l-pjanti rilevanti ma jibqgħux jitqiesu bħala pjanti ta' riskju għoli.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 jiġi emendat kif xieraq.

(12) L-*Anoplophora chinensis*, il-Peach rosette mosaic virus, is-*Scirtothrips dorsalis* u l-virus tar-ringspot tat-tadam huma elenkati bħala pesti tal-kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(13) B'kuntrast, il-pesti *Didesmococcus unifasciatus, Euzophera semifuneralis, Hoplolaimus galeatus, Lepidosaphes pistaciae, Maconellicoccus hirsutus, Nipaecoccus viridis, Pochazia shantungensis,* u *Russellaspis pustulans* għadhom mhumiex elenkati bħala pesti tal-kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, u għalhekk il-miżuri fitosanitarji għal dawn il-pesti huma bbażati fuq dawk deskritti mit-Turkija fid-dossiers. Jeħtieġ li jsiru disponibbli l-valutazzjonijiet tar-riskju kompluti dwar dawn il-pesti sabiex jiġi stabbilit jekk il-pesti jissodisfawx il-kundizzjonijiet biex jiġu elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 u jekk il-pjanti rilevanti għandhomx jiġu elenkati fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament, flimkien mar-rekwiżiti speċifiċi rispettivi.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 jiġi emendat kif xieraq.

(15) Barra minn hekk, il-pesti *Lasiodiplodia pseudotheobromae, Neoscytalidium dimidiatum,* u *Phenacoccus solenopsis* għadhom mhumiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 bħala pesti tal-kwarantina fl-Unjoni. Madankollu, minħabba li ma ġie osservat l-ebda impatt sinifikanti fuq il-pjanti ospitanti infettati minn dawk il-pesti fit-territorju tal-Unjoni, ma huwa meħtieġ l-ebda rekwiżit tal-importazzjoni fir-rigward ta' dawk il-pesti.

(16) In-*Neoscytalidium novaehollandiae* huwa sinonimu tan-*Neoscytalidium dimidiatum*. Għaldaqstant, l-ebda rekwiżit tal-importazzjoni ma huwa meħtieġ għal dak il-pest.

([5]) Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2022. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of *Prunus persica* and *Prunus dulcis* plants from Turkey. *EFSA Journal* 2023;21(1):7735, 212 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.7735.

(17) L-opinjoni xjentifika dwar il-kategorizzazzjoni tal-pesti ta' *Lepidosaphes malicola* ([6]) prodotta mill-Awtorità tikkonkludi li, bħala riżultat ta' inċertezza kbira dwar l-impatt tiegħu fl-UE, il-pest ma jissodisfax il-kriterji kollha biex jitqies bħala pest ta' kwarantina fl-Unjoni. Għaldaqstant, l-ebda rekwiżit tal-importazzjoni ma huwa meħtieġ għal dak il-pest.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([6]) Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2024. Kategorizzazzjoni tal-pesti ta' *Lepidosaphes malicola*. *EFSA Journal*, 22(3), e8665. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8665.

ANNESS I

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, fil-punt 1, fit-tieni kolonna tat-tabella "Deskrizzjoni", l-entrata "*Prunus* L., għajr dawk bl-għeruq mikxufin, inattivi, mingħajr weraq tal-pjanti għat-tħawwil tal-*Prunus domestica* mlaqqma fuq is-salvaġġ ta' *Prunus cerasifera* li joriġinaw mill-Ukrajna", hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Prunus* L., għajr:

— pjanti għat-tħawwil, mingħajr weraq, inattivi, bl-għeruq mikxufin ta' *Prunus domestica* mlaqqmin fuq is-salvaġġ ta' *Prunus cerasifera* li joriġinaw mill-Ukrajna;

— biċċiet mingħajr għeruq, mingħajr weraq, inattivi ta' mhux aktar minn sentejn ta' *Prunus persica* u *Prunus dulcis* li joriġinaw mit-Turkija; u

— pjanti għat-tħawwil mingħajr weraq, inattivi, bl-għeruq mikxufin, ta' mhux aktar minn sentejn ta' *Prunus persica*, *Prunus dulcis*, *Prunus armeniaca* u *Prunus davidiana*, li joriġinaw mit-Turkija."

ANNESS II

Fit-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213, tiddaħħal l-entrata li ġejja wara "*Persea americana* Mill., u l-biċċiet mingħajr għeruq għat-tħawwil b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 2 cm.":

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi ta' oriġini	Miżuri
"— *Prunus persica* u *Prunus dulcis*, biċċiet mingħajr għeruq, ta' mhux aktar minn sentejn, inattivi, mingħajr weraq; — *Prunus persica, Prunus dulcis, Prunus armeniaca* u *Prunus davidiana*: pjanti għat-tħawwil mingħajr weraq, ta' mhux aktar minn sentejn, inattivi, bl-għeruq mikxufin.	ex 0602 10 90 ex 0602 20 20	It-Turkija	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: (i) il-pjanti huma ħielsa mill-pesti *Didesmococcus unifasciatus*, *Euzophera semifuneralis*, *Hoplolaimus galeatus*, *Lepidosaphes pistaciae*, *Maconellicoccus hirsutus*, *Nipaecoccus viridis*, *Pochazia shantungensis* u *Russellaspis pustulans*; (ii) is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-pesti *Didesmococcus unifasciatus, Euzophera semifuneralis, Hoplolaimus galeatus, Lepidosaphes pistaciae, Maconellicoccus hirsutus, Nipaecoccus viridis, Pochazia shantungensis u Russellaspis pustulans* matul l-ispezzjonijiet uffiċjali mwettqa fi żminijiet xierqa, mill-bidu taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-pjanti; (iii) immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza ta' *Didesmococcus unifasciatus, Euzophera semifuneralis, Hoplolaimus galeatus, Lepidosaphes pistaciae, Maconellicoccus hirsutus, Nipaecoccus viridis, Pochazia shantungensis u Russellaspis pustulans*, b'tali daqs tal-kampjun li jkun jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' kunfidenza ta' 99 % għal kull pest; (b) taħt l-intestatura 'Dikjarazzjoni Addizzjonali', iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu: (i) id-dikjarazzjoni li ġejja: 'Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213'; u (ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati."